MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 350/2011

A B

-vs-

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet zzewgu fl-20 ta' Jannar 1983 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal lil illum huma t-tnejn maggorenni.

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet A B vs C B (Citazzjoni 121/2004 RCP) giet ippronunzjata l-firda personali u giet tterminata u llikwidata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet (Kopja legali annessa u mmarkat Dokument 'A').

Illi l-avukat ta' l-esponenti ddiskutiet il-possibilta ta rikonciljazzjoni u forniet l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin. Madanakollu m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghaddew 'l fuq minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Illi l-esponenti qed taghzel li tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'D'.

Talbet illi l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu bejn il-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi.
2. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'D'.
3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien prefiss mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru` Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Novembru, 2011;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Marzu 2005;

Rat ukoll illi irrizulta mill-provi illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u rat ukoll illi irrizulta illi ulied il-partijiet illum il-gurnata huma maggorrenni u illi ma tezisti l-ebda problema fir-rigward tal-manteniment illi ghandu jithallas mill-intimat lir-rikorrenti u dan kif xehdet l-istess rikorrenti;

Ghalhekk tara illi r-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi ghal divorzju gew sodisfatti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja d-divorzu bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------